**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**
**DEĊIŻJONI NUMRU 2437**

**Każ Nru 3136/CCG**
**Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn**
**ABV**
**vs.**
**XXX LTD**
*Dwar: allegazzjoni ta' fastidju sesswali*
*u tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

Illum 23 ta' Settembru 2016

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors dwar allegazzjoni ta' fastidju sesswali u tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

**Preliminari**

Fid-dikjarazzjoni tagħha r-rikorrenti qalet li kienet iffirmat kuntratt ta' impjieg indefinit mas-soċjeta' intimata fl-24 ta' Lulju 2012 u kienet impjegata bħala *X marketing coordinator*. Qalet li hija dejjem ħadmet b'diligenza sakemm irċeviet ittra fejn ġiet infurmata permezz ta' ittra datata 19 ta' Mejju 2013 illi l-impjieg tagħha kien ser jiġi terminat b'mod illi l-aħħar ġurnata tax-xogħol kienet se tkun il-31 ta' Mejju 2013. Qalet li tul il-perjodu meta kienet impjegata mas-soċjeta' intimate hija kienet issuggettatat għal fastidju sesswali mis-superjur tagħha, ċertu XXX , *X marketing manager*. Fuq dawn il-premessi r-rikorrenti adixxiet lil dan it-Tribunal fuq żewġ binarji u cioe fastidju sesswali da parti tas-superjur tagħha XXX u dan a tenur tal-artikolu 29 tal-Kap 452 u tkeċċija inġusta a tenur tal-artikolu 75 tal-Kap 452.

Ir-rikorrenti ppreżentat dikjarazzjoni ġuramentata fejn spjegat l-istorja tagħha mas-soċjeta intimata. Hi spjegat li meta daħlet taħdem ma' XXX LTD fil-kariga ta' *X Marketing Coordinator* kienet taħt is-superviżjoni ta' XXX. Ir-rikorrenti qalet li f'dan

il-perjodu b'mod verbali kienet tiġi kumplimentata xogħolha u il-manager tagħha kien jgħidilha "*good spotting*" f'rigward ta' bonuses li kienu jingħataw lil plejers tal-XYZ LTD (kumpanija oħra li nxtrat minn XXX LTD ). Fit-31 ta' Jannar 2013 il-manager tagħha ma baqax XXX iżda sar XXX. Għall-ħabta ta' Diċembru 2012 il-Manager XXX (li dak iż-żmien kien għadu on training biex jieħu post XXX) kien beda jċemplilha spiss wara l-ħin tax-xogħol u anke s-Sibt u l-Ħadd isaqsiha x'se nagħmel u jistidinha biex tiltaqa' miegħu. Spjegat kif XXX kien iġagħlha tħossha skomda f'attivitajiet barra x-xogħol u anke waqt il-ħin tax-xogħol. Lejn il-ħabta tal-5 ta' Frar 2013 qalet li ma baqgħetx tirrispondi l-mobile meta kien iċempillha XXX jew taqta' fil-qasir meta tirrispondi għaliex bdiet tħoss li XXX kien qed jieħu wisq kunfidenza u beda jġegħlha tħossha skomda. Ir-rikorrenti qalet li kif bdiet taqtagħlu l-kunfidenzi bdew il-problemi għaliex bdiet tirċievi l-warnings. Ir-rikorrenti ċaħdet l-allegazzjonijiet li għamlet il-kumpannija dwarha. Ir-rikorrenti tat rendikont ta' x'ġara minn meta rċieviet l-ewwel twissija sakemm ġiet itterminata. Hija qalet li kellha paga ta' €27,000 fis-sena u sa €3,900 bonuses.

Is-soċjeta' intimata fir-risposta tagħha qalet li t-talbiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom. Fir-rigward tal-allegata tkeċċija ingusta, mhuwiex minnu li r-rikorrenti dejjem ħadmet b'diliġenza sakemm irċeviet l-ittra tad-29 ta' Mejju 2013. Filfatt qabel ma nħarġet l-ittra msemmija, ir-rikorrenti ingħatat żewġ twissijiet bil-miktub nhar id-19 ta' Frar 2013 u nhar it-3 ta' Mejju 2013. Dawn iż-żewġ twissijiet jissemmew fl-ittra tat-terminazzjoni datata 29 ta' Mejju 2013. Minn dawn it-twissijiet jirriżulta b'mod ċar li r-rikorrenti ma kinitx qed taħdem bid-diliġenza u l-attenzjoni meħtieġa. Filfatt it-twissijiet jelenkaw b'mod dettaljat ħafna n-nuqqasijiet tar-rikorrenti. Kemm mal-ewwel twissija tad-19 ta' Frar 2013 u anke mat-tieni twissija tat-3 ta' Mejju 2013 ir-rikorrenti ingħatat ukoll "*Action Plan*" mis-soċjeta' intimata mfassal speċjlament għar-rikorrenti li jindika b'mod ċar dawk l-affarijiet li jeħtieġu aktar attenzjoni da parte tar-rikorrent fix-xogħol tagħha u sabiex hi tkun tista' ttejjeb il-ħidma tagħha. Wara l-*Action Plan* ir-rikorrenti ingħatat ukoll *"2 weeks follow up on Action Plan"* datat 16 ta' Mejju 2013 sabiex is-soċjeta' intimata tagħti *feedback* lir-rikorrenti. Il-*feedback* mogħti mis-soċjeta' intimata ma kienx wieħed pożittiv. Nonostante dawn it-twissijiet u *Action Plans* imsemmija, irriżulta li ma kienx hemm titjib fil-ħidma tar-rikorrenti u għalhekk kien hemm raġunijiet tajba u biżżejjed fil-liġi għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-

rikorrenti. Għalhekk kif se jirriżulta ulterjorment waqt is-smiegħ quddiem dan it-Tribunal, ma tirriżulta l-ebda tkeċċija ngusta kif allegat mir-rikorrenti. Fir-rigward tal-allegat fastidju sesswali allegatament soffert da parte tar-rikorrenti, dan ukoll qiegħed jiġi fortement ikkontestat da parte tas-soċjeta' intimata. Din hija allegazzjoni serja da parte tar-rikorrenti bl-oneru tal-prova jinkombi fuqha. M'huwiex minnu li XXX jew kwalunkwe impjegat ieħor tas-soċjeta' intimata ta fastidju sesswali lir-rikorrenti. Is-soċjeta' intimata qatt ma rċeviet l-ebda forma ta' lment f'dan is-sens da parte tar-rikorrenti tul l-impjieg tagħha u għalhekk għandu jirriżulta li din l-allegazzjoni serja u bla bażi tressqet b'mod vendikattiv da parte tar-rikorrenti fil-mument li ġie tterminat l-impjieg tagħha.

**<u>Sinteżi tax-xhieda</u>**

Ir-rikorrenti fix-xhieda tagħha ppreżentat dokumenti tal-kwalifiki tagħha u tat spjega dwar kif kien jitħallas il-kont taċ-ċellulari tagħha.

XXX xehdet li hi u r-rikorrenti kienu ħbieb minn żmien l-Universita' u qalet li riċentament f'dawn l-aħħar sentejn ilmentat magħha dwar il-manager tagħha. Qalet li huma ħbieb u kienu joħrġu flimkien u kien hemm episodju wieħed fejn kienu Level 22 u kien hemm XXX. XXX beda jmur il-ħin kollu ħdejha u jdur u jdur magħha jipprova jaqbad magħha u hi speċi kienet tibqa' cold; ma kinitx tkompli miegħu. Kienet tgħidilha li kien idejjaqha għax huwa l-manager tagħha u tħossha skomda. Darb'oħra kienu TexMex u beda jċemplilha u bdiet tgħidilha qed iċempilli. Beda jċemplilha repetutament u at one point beda jgħidilha li kien qiegħed il-Casino u apparentament beda jgħidilha ħa nibagħtlek taxi ħa tiġi ħdejja u bdiet tgħidlu le le u nfatti baqgħet max-xhud u ma' sħabha. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti ma kinitx kunenta x-xogħol minħabba XXX għax dejjem kienet tħossha skomda tmur għax xogħol għax kien jaqbad magħha. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti qatt m'urietha l-messaġġi li rċeviet mingħandu imma kienet tgħidilha li jibagħtilha.

XXX, rappreżentanta tal-Vodafone, Data Request Administrator ippreżentat calls u sms's mibgħuta minn 99696013 għal 99771903 bejn Ottubru 2012 sal-aħħar ta' Mejju 2013.

XXX xehed li jaf lir-rikorrenti minn events li jagħmel bħal night clubs, special parties u qal li ġieli kien f'events fejn kien hemm preżenti r-rikorrenti. Qal li jaf ukoll lil XXX u kien hemm okkażjonijiet li rahom flimkien f'event fl-istess post. Ix-xhud qal li kienu jkunu bħala grupp ma' mejda, jiżfnu, jieħdu drink in a normal club scene. Qatt ma rah imissha jew xi ħaġa hekk u qal li ma jafx kemm kienu friendly u kull ma jaf li kienu kollegi għaliex hu ma kien close la ma mir-rikorrenti u lanqas ma' XXX. Jaf li XXX qajjem xi problemi f'xi events ta' xi persuni oħra.

XXX qal li jaf lir-rikorrenti għax kienu joqogħdu fl-istess villeġjatura żmien ilu u kienu ħbieb dak iż-żmien u baqgħu ħbieb. Ix-xhud qal li kien u għadu jaħdem ma' XXX LTD u li fiżikament kienu jaħdmu sular differenti pero kienu jaħdmu via e-mail on a weekly basis. Hu qal li XXX kien arrogant.

Ir-rikorrenti qalet li mill-bidu hija kienet il-first point of reference ta' XXX waqt il-hand over anke' ir-rwol tagħha according to the job description li kellha. Ix-xhud qalet li mal-manager l-ieħor kellha professional working base jiġifieri meta bagħtilha sms kien fuq xogħol, meta ċempillha within working hourse nine to five, eight to six għax huma kienu flexible u dejjem irrispondew f'ħin tax-xogħol. Fl-aħħar ta' Novembru 2012 XXX daħal manager tagħha. Ix-xhud qalet li t-telefonati mingħand XXX bdew f'Diċembru u kienu jikkomunikaw ukoll bi Skype u by sms. Kellhom il-link ukoll li hi l-internal system ta' communication tagħna imma XXX qatt ma ried jużah ovvjament għax kien jaf li dik hija rikordjata u jkollhom logs. Hu dejjem Skype ried juża. Ix-xhud qalet li kienu jpoġġu fejn xulxin u lanqas biss kien jgħidlha bonġu. Ix-xhud qaletl li hija taħseb li XXX ried joħroġ magħha minħabba l-għaġir tiegħu fuq il-post tax-xogħol u fuq it-telefonati. Hi qalet li qatt ma ratu jagħmel l-istess attitudni ma' ħaddieħor għalhekk bdiet tissuspetta fih pero qatt ma saqsieha direttament XXX biex joħorġu flimkien bħala għarajjes imma l-għaġir tiegħu fil-konfront tagħha kienet turi hekk u filfatt għandha l-fatti fil-call logs għax ma ċċempilx kollega tiegħek is-Sibt, il-Ħadd, Christmas Eve, Christmas Day, NYE, public holidays, fis-2am, 3am. Hi qalet li kien isaqsiha x'qed tagħmel, x'se tagħmel illejla, x'ħa tagħmel fil-weekend. Ix-xhud qalet li d-data tal-ewwel warning kienet 19 ta' Frar 2013. Hi qalet li kulħadd kien jaf li XXX idejjaqha għax hi veru blunt.
Bejn Diċembru u Frar sa meta rċiev il-warning hi bdiet taqtagħlu u ma baqgħetx tirrispondih u kien ikollha ħafna missed calls fuq il-mobile. Ix-xhud qalet li qatt ma

ħadet l-ebda azzjoni fuq *harassment* mal-kumpannija, l-ebda rapport. Meta mbagħad rat il-warning hi marret tkellem lill-HR u qaltilhom li din hija xi ħaġa personali. Ix-xhud qalet li l-HR kienet taf li kien idejjaqha għax kienet close ma' waħda partikolari tal-HR, ma' XXX u kienet tgħidilha b'mod informali. Qalet li tkellmet ukoll ma' XXX f'Jannar pero ma nbidel xejn. Lejn il-bidu ta' Frar l-attitudni ta' XXX inbidlet fil-bidu ta' Frar. Ma baqax idejjaqha u jċempillha u jibagħtilha l-ħin kollu. Żamm id-distanza kif kellu jkun fil-bidu. L-attitudni ta' harassment tiegħu kienet bejn Diċembru u Frar. L-attitudni nbidlet wara li ħarġet l-ewwel *warning* u ġiet attitudni normali professjonali. Ix-xhud qalet li imbagħad qalgħet it-tieni *warning* għax ma ridhiex hemm imbagħad. Ix-xhud qalet li kienet tibża' minn XXX imma fl-istess ħin kienet tiċċajta miegħu to make the situation at work better u biex innaqqas l-akwardness pero' hija kienet tkun imsarinha f'saqajha l-ħin kollu x-xogħol, kienet tense, kienet tqum bil-lejl u kien jistressjaha ħafna. Lil HR kienet qaltilhom formalment permezz e-mail, bgħatt lil XXX u lil XXX f'xi April u qaltilhom 'I am stressed' u lanqas biss kienet qed torqod xejn. Ir-raġuni tal-istress kienet XXX u qaltilhom pero huma qalulha 'he is your manager'. F'Mejju XXX kien sejjer Dubai u x-xhud biex tiċċajta qaltlu 'tajjeb mela issa mbagħad ġibli basket tal-Gucci'. Ir-rikorrenti qalet li kienet fetħet qalbha ma' ħafna kollegi tax-xogħol: ma' XXX XXX, XXX XXX, ma' XXX XXX u ma' XXX XXX. F'seduta differenti x-xhud qalet li ma kinitx għadha bla xogħol u damet minn Mejju sa Settembru 2013 bla xogħol. Ir-rikorreneti ppreżentat ritratt meħud New Years Eve party li ma kienx party tal-gaming. Spjegat li lil XXX ma setgħetx tgħidlu ma jkunx fir-ritratti magħha. Hi qalet li mal-ewwel manager qatt ma kellha problema u li fuq harassment qatt ma kellmet lil HR.

XXX permezz ta' affidavit qalet li hija impjegata ma' XXX LTD bħala campaign coordinator fil-XYZ LTD team. Qalet li kienet tpoġġi ħdejn ir-rikorrenti u XXX fl-aħħar sitt xhur ta' impjieg tagħhom. Ix-xhud qalet li XXX ma kienx bniedem li faċli taħdem miegħu minħabba li kien ibati bil-burdati. Hi qalet li r-rikorrenti ikkawżat ħafna problemi għaliex ma kinitx tagħmel double checking u qatt m'ammettiet li żbaljat hi u dejjem waħħlet f'ħaddieħor.

XXX kienet XYZ LTD CRM Manager bejn id-9 ta' Lulju 2013 u l-25 t'Awwissu 2013. Julie kkwotat l-Official Warning Letter datata 19 ta' Frar 2013 u li kienet

taqra:*"You have in January been told to take care of lists and have not shown any initiative to do so until being told by XXX to schedule a meeting with **XXX** and take control of her task asap. During that meeting you spent parts of it in conversations on skype which brings in question your focus and care for the business".* B'risposta għal din ir-rikorrenti qalet li "*I say that in January 2013 XXX had told me with a smile on his face that he was going to pass onto me a list consisting of a number of clients split according to different factors that are targeted by different bonuses and that I had to filter them. XXX eventually in February officially asked me to set a meeting with **XXX XXX** who used to do this kind of work that was on the lists so that I would start doing it instead of her. As soon as I was asked to do this I did what was asked of me as can be confirmed by **XXX XXXX**. I even asked for an appointment as results from the screenshot of an email herewith attached and marked as document C. Before my meeting with her we had a general meeting as a team and I spoke on Skype to answer one question regarding work. I deny that I was not paying attention because I was chatting on skype as is being alleged".* Ix-xhud iċċarat li għalkemm ir-rikorrenti qisha allegat li XXX ried jagħmlilha xi trappola dan m'huwiex il-każ u kull ma ried XXX li hi tagħmel xogħolha minħabba li kienet ix-xhud li kienet qed tagħmlu u dan kien joħdilha xi tlieta jew erbgħa sigħat fil-ġimgħa. Ix-xhud semmiet inċident fejn ir-rikorrenti bagħtet il-listi fl-aħħar tal-ġurnata u telqet fil-ħamsa. Ir-rikorrenti ma kinitx marret għandha biex tara jekk kienx kollox sewwa u x-xhud kellha toqgħod ma' xi ħadd ieħor biex jerġgħu jagħmlu l-listi. Ix-xhud qalet li ma tagħtix tort lir-rikorrenti li għamlet il-lista ħażina għaliex kienet l-ewwel darba li għamlitha imma uriet nuqqas ta' professjonalita meta hija telqet mix-xogħol mingħajr ma rat jekk kienx kollox tajjeb. Ix-xhud qalet li meta infurmat lir-rikorrenti li kien ser jinħarġilha twissija u li kellha bżonn iktar taħriġ u tiffoka fuq il-listi qaltilha li ser tagħmel laqgħa biex turiha kif għandha tagħmel dan. Waqt din il-laqgħa r-rikorrenti ma kinitx iffokata u qagħdet tkellem lin-nies fuq Skype. Ix-xhud qalet ukoll li r-rikorrenti kellha nuqqas ta' motivazzjoni u ma kinitx proattiva. Fir-rigward tal-allegazzjzoni ta' fastidju sesswali x-xhud kitbet li kienet ixxukjata u li XXX jaġixxi l-istess ma' kulhadd. Ix-xhud qalet li meta tkellmet mar-rikorrenti hija kienet qaltilha li XXX ma kellux opinjoni għolja tagħha minħabba li kienet mara, fatt li hija nnegat għaliex XXX kien juri rispett lin-nisa fit-team tiegħu, bħal per eżempju Linnea li kienet qed tagħmel xogħol tajjeb ħafna. Ix-xhud qalet ukoll li r-rikorrenti imdorrija tiġi trattata bħala prinċipessa u li wara xahar taħdem magħhom kien diġa hemm diċeriji għaddejjin fuqha u kienet

tqatta' ħafna ħin f'konversazzjonijiet mhux relatati max-xogħol fuq Skype jew Lync ma' nies jaħdmu mal-kumpannija. Ix-xhud qalet ukoll li kemm-il darba ratha tmur ix-xogħol liebsa mhux xieraq. F'xhieda viva voce x-xhud elenkat istanzi fejn ir-rikorrenti uriet nuqqas ta' tagħrif bażiku dwar ix-xogħol u s-settur tagħhom. Mistoqsija kif il-manager tar-rikorrenti ta' qabel XXX, XXX, qatt ma sab problemi magħha x-xhud qalet li XXX kien micro manager u dak li ma kinitx tkun trid tagħmel ir-rikorrenti kien jagħmlu hu. Meta ġie XXX hu għamilha ċara li kulħadd irid jagħmel xogħlu u kif kien jaħdem XXX ma kienx aċċettabli għalih. Ix-xhud qalet li barra x-xogħol kienet tmur tajjeb ħafna mar-rikorrenti, ġieli ħarġu flimkien u kienu ħbieb fuq Facebook. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti darba fetħet qalbha magħha u qaltilha li l-affarijiet ma kinux sejrin tajjeb ma' XXX u ma kinitx kuntenta taħdem miegħu pero qatt ma semmitilha fastidju sesswali. In kontro eżami x-xhud qalet li tiftakar li r-rikorrenti kienet bagħtitilha meeting invite. Mistoqsija dwar il-ħinijiet tax-xogħol tagħha x-xhud qalet li hi kienet tasal l-uffiċċju fit-tmienja u nofs u kienet titlaq fis-sebgħa u nofs jew it-tmienja filwaqt li r-rikorrenti kienet tasal fit-tmienja u titlaq fil-ħamsa. Hija qalet li huma ma kinux jitħallsu tal-overtime.

XXX kienet HR Director ta' XXX LTD  bejn April 2011 u Lulju 2013. Ix-xhud qalet li hija kienet involuta fis-sitwazzjoni tar-rikorrenti mill-bidu nett għalkemm l-HR Manager responsabbli kien qed jieħu ħsieb kollox. Spjegat li hija l-proċedura li l-XXX LTD  HR Managers jiġu kkonsultati u involuti f'każijiet fejn ikun hemm nuqqas ta' performance, bħal fil-każ tar-rikorrenti. sa Marzu 2013 il-Manager responsabbli kienet XXX u mill-bidu t'April 2013 din kienet XXX. Fil-ħarifa Manager XXX qajjem il-kwistjoni tal-performance tar-rikorrenti u x-xhud spjegat il-proċedura li tintuża f'dawn is-sitwazzjonijiet u ċjoe li jingħata feedback lill-impjegat b'mod verbali. Dan kollu ġara qabel XXX beda jaħdem mal-XYZ LTD. Fil-bidu ta' 2013 kien ċar għal XXX li r-rikorrenti ma kintix qegħda tilħaq dak li hu meħtieġ fir-rwol tagħha u huma ddeċidew li għandhom jgħinuha ssib saqajha. Ix-xhud spjegat kif ir-rikorrenti ingħatat twissija bil-miktub fejn ġew elenkati l-oqsma fejn kienet qed tfalli u stabilixxew Action Plan għaliha u spjegat ukoll l-andement tal-performance tar-rikorrenti fix-xhur ta' wara l-Action Plan. Hi spjegat kif il-performance ma tjibitx u għaldaqstant l-impjieg tar-rikorrenti ġie tterminat. Ix-xhud spjegat kif tul l-impjieg tar-rikorrenti kellha diversi managers u kollha qalu li l-performance tagħha ma kinitx tolħoq it-targets. Il-performance tar-rikorrenti ġiet evalwata minn tlett managers, minn

XXX li hu l-Head tal-XYZ LTD business team, minn stakeholders differenti u minn kollegi oħrajn. Ix-xhud spjegat li sfortunatement l-Action Plan ma laħqitx l-għan tagħha u kellhom jitterminawlha l-impjieg.

XXX XXX ippreżenta affidavit u qal li beda jaħdem mal-Betsson fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2012 bħala X Marketing Manager għall-XYZ LTD Brand Business Team. Hu spjega li fil-bidu xogħlu kien li jieħu handover mingħand XXX XXX. Fit-tieni ġimgħa kien hemm bidla fl-istruttura u fit-tim tiegħu kellu lir-rikorrenti bħala marketing coordinator, lil XXX u XXX bħala campaign coordinators u XXX bħala X designer. XXX u XXX marru għal btala sa nofs Jannar u sakemm XXX irritorna r-rikorrenti kienet l-unika sors ta' għajnuna u gwida li kellu u għaldaqstant kien jistaqsi lilha dak kollu li kien ikollu bżonn. Hu kien jikkuntattjaha permezz ta' konversazzjonijiet wiċċ imb'wiċċ, skype, email, telfonati, sms eċċ. Ix-xhud qal li kien diġa beda jinnota ċerta inkonsistenzi fil-mod ta' kif taħdem u nnota ukoll nuqqas ta' tagħrif dwar ix-xogħol minħabba li ma kinitx tkun kapaċi twieġeb ċertu mistoqsijiet bażiċi. Ix-xhud spjega dwar l-attivitajiet soċjali li xogħlu kien jinvolvi. Meta ġie lura XXX, ix-xhud tkellem miegħu dwar l-inkwiet li kellu fuq ir-rikorrenti u ħareġ ċar li XXX kien micro manager u ma kine iħalli lil ħadd jagħmel xogħlu u din kienet parti mill-problema fix-xogħol tar-rikorrenti. ix-xhud spjega li r-rikorrenti kienet aġixxiet b'mod mhux professjonali meta darba f'Jannar XXX kien qalilha tibqa' wara l-ħin tax-xogħol għaliex ma kinitx lestiet xi ħaġa u hija telqet il barra mill-uffiċċju tiegħu b'suppervja kbira. Dwar l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti li kien iċemplilha wara l-ħin tax-xogħol, qal li fil-pożizzjoni tar-rikorrenti ma hemmx wara l-ħin tax-xogħol minħabba li hija kienet tkun on call. Dwar l-istediniet biex jiltaqa' magħha barra x-xogħol, hu qal li dawn l-istediniet kienu indirizzati lit-timm kollu u anke persuni f'dipartimenti oħra. Ix-xhud qal li għandu tfajla li jgħix magħha u hi dejjem kienet fil-postijiet u fl-attivitajiet li semmiet ir-rikorrenti għaldaqstant l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti dwar xi avvanzi min-naħa tiegħu huma kompletament infondati. Ix-xhud qal li l-unika problema li kellu mar-rikorrenti kienet dik tal-performance u din ġiet ikkomunikata lilha mill-ewwel u ingħatat kemm-il ċans li ttejjeb il-performance tagħha. Ix-xhud qal li kienu anke kellmuha fuq il-ħinijiet tax-xogħol tagħha kif kienu għamlu ukoll ma' XXX XXX. In kontro eżami XXX Festov xehed li kien XXX Market Manager u li meta beda jaħdem ma' XXX LTD ir-rikorrenti kienet l-unika team member tiegħu. Ix-xhud qal li ħa over mingħand XXX u kien evidenti li XXX

kien micro manager u ma tantx kien jagħti xogħol lir-rikorrenti. Ix-xhud spjega x'kien ix-xogħol tar-rikorrenti. Mistoqsi dwar il-pereformance tar-rikorrenti huwa qal li ma kelliex l-aħjar know how tas-settur. Spjega dwar it-twissijiet li kienu inħarġulha u qal li kien hu li kien iressaq l-ilment mal-line manager li f'dan il-każ kien XXX. L-għan tal-action plan huwa li juru lill-persuna li hemm xi areas fiex għandhom itejbu l-performance u dan isir għall-ġid tal-impjegat. Ix-xhud spjega dwar ir-reazzjoni tar-rikorrenti u qal li għal bidu kienet tkun defensive ħafna imma fl-aħħar toħroġ pożittiva ħafna. Spjega li għal xi jiem wara li jkun inħarġilha t-twissija hija tkun determinata ħafna li taħdem imma wara ftit terġa' lura għan-normal. Ix-xhud qal li saħansitra kienu ħadu xi xogħol mingħand ir-rikorrenti pero xorta baqgħet tagħmel żbalji li setgħu jiswew lill-kumpannija eluf ta' ewro. Ix-xhud spjega li hu u r-rikorrenti kienu jpoġġu fejn xulxin u qal li fuq livell personali qatt ma kellu problemi magħha. Ix-xhud spjega x'tip ta' kuntatt kien hemm bejnu u bejn ir-rikorrenti barra mix-xogħol. Hu qal li l-ewwel darba li sema' dwar il-fastidju sesswali kien meta inftetħet din il-kawża. Ix-xhud spjega li meta mar Sweden hija kienet qaltlu jixtrilha rigal. Spjega dwar l-allegazzjoni tagħħha ta' x'kien ġara f'bar lejliet l-ewwel tas-sena u li kienet hi li marret mal-mejda tiegħu. Ix-xhud qal li hu kien hemm mat-tfajla u xi ħbieb oħra tiegħu. Mistoqsi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huwa kien iċemplilha kull ħin tal-ġurnata u lejl huwa spjega li meta ġieli ħarġu Paceville huma kienu jintilfu u kienu jċemplu lil xulxin biex jgħidilha fejn qegħdin. Ġieli ċemplilha f'nofs il-lejl għax kienet tkun hi l-persuna on call u dak kien parti minn xogħolha. In kontro eżami mistoqsi dwar telefonati wara l-ħin tax-xogħol, ix-xhud qal li r-rikorrenti dejjem kienet tkun on call. Hu qal li ma kinitx il-proċedura tagħhom li dawn it-telefonati jiġu segwiti b'posta elettronika. Mistoqsi dwar messaġġi li bagħat lir-rikorrenti mhux reletati max-xogħol ix-xhud qal li huwa diġa kien qal li sa xi nofs Jannar jew Frar kienu joħorġu barra x-xogħol. Mistoqsi dwar messaġġ li kien bagħat lir-rikorrenti fejn qalilha li 10% tal-bonus tagħha jiddipendi fuq jekk toħroġx miegħu jew le, x-xhud qal li fil-kuntest tal-komunikazzjoni tagħhom dan il-messaġġ ma kienx barra minn loku. Ix-xhud qal li meta laħaq manager tar-rikorrenti huwa żidielha x-xogħol għaliex ma kienet qegħda tagħmel xejn u li ma kinitx kompetenti f'xogħolha.

XXX XXX permezz t'affidavit qal li beda jaħdem mal-XXX LTD bħala Head of XYZ LTD fl-1 ta' Mejju 2012. Hu qal li meta ġie biex jimpjega lir-rikorrenti din tathom impressjoni tajba. Hu qal li ma tantx kellu kuntatt professjonali mar-rikorrenti

iżda minħabba li l-X Manager kien qed jaħdem barra mill-ufficċju u kien ser jitlaq, hu ipprova jkollu laqgħa mar-rikorrenti kull ħmistax. Ma tantx jiftakar minn dawk il-laqgħat minħabba li ma tantx kien jifhem fix-xogħol tagħha. XXX imbagħad ħa l-pożizzjoni ta' X Manager allura ġie hu responsabbli għaliha. Wara ftit ġimgħat hu beda juri tħassib dwar il-performance tagħha u talbu parir dwar kif għandu jipproċedi. IX-Xhud qal li tah parir li jkellimha bis-serjeta bieX jindirizzaw l-oqsma fejn hi ma kinitX qegħda tipperformja. Ftit wara reġgħu tkellmu minħabba li l-affarijiet ma marruX 'il quddiem. Hawnhekk iX-Xhud qal li kien ta parir lil XXX bieX jinvolvi lill-HR u hawn inħarġitilha l-ewwel twissija. Hu qal li r-rikorrenti kienet imdejqa ħafna bit-twissija u talbitu laqgħa kif kien ikollhom qabel beda jaħdem magħhom XXX. Waqt din il-laqgħa hu qalilha li kien jaf bit-twissija u bbażat fuq l-informazzjoni li kellu, t-twissija kienet ġustifikata u kien hemm bżonn li hi ttejjeb il-performance tagħha. Dwar l-allegat fastidju sesswali X-Xhud qal li qatt ma ra Xejn li jista' jiġi deskritt bħala fastidju sesswali.

XXX XXX permezz t'affidavit qal li kien jaħdem bħala X Marketing Manager mal-XXX LTD  u għall-XYZ LTD business team min nofs l-2011 sal-aħħar ta' Jannar 2013. Spjega li minħabba li kellhom vakanza fit-tim kienu intervistaw lir-rikrorenti. Minħabba li ma kellieX esperjenza fis-settur ma kinitX ideali imma kellha edukazzjoni u interessi fl-isports għaldaqstant iddeċidew li jtuha ċans.  IX-Xhud spjega X-Xogħol li kienet taħmel ir-rkorrenti u qal li l-filosofija tiegħu hi li jagħti ċans lil kulħadd pero qal li kieku kien baqa' X Marketing Manager, kien jistenna progress u żvilupp min-naħa tar-rikorrenti għalieX sakemm kien għadu hemm hu hi kienet tagħmel Xogħol pjuttost bażiku.

Dr. XXX XXX, Junior Legal Concil mal-Bettson ippreżentat estratt ta' konversazzjoni meħuda mill-mobile taX-Xogħol ta' XXX bejn XXX u r-rikorrenti. IX-Xhud ippreżentat transcript tal-koversazzjoni sħiħa għalieX hija qalet li ppreżentat ir-rikorrenti kienet biss parti mill-konversazzjoni u ppreżentat ukoll il-mobile.

XXX XXX, HR Manager Xehdet li meta bdiet taħdem mal-XXX LTD   meta r-rikorrenti kienet diġa qegħda taħdem hemm u qalet li daħlet taħdem hemm minflok XXX XXXX. Il-handover li irċeviet mingħand XXX u XXX kienet li r-rikorrenti ma kinitx sejra sewwa fil-performance ta' Xogħlha u li kienet fuq action plan sabiex

tilħaq il-miri tagħha. Ix-xhud qalet li hija kienet ħarġet it-tieni twissija u action plan lir-rikorrenti f'Mejju. Hija spjegat li kien hemm żewġ problemi fejn tidħol ir-rikorrenti, waħda li r-rikorrenti ma kienx jogħġobha r-rwol tagħha u ma kinitx kuntenta fih u t-tieni problema kienet li hija ma kelliex tagħrif dwar l-X book. Ix-xhud qalet li apparati XXX u XXX hija kellmet lil ħafna nies meta għamlet l-investigazzjoni tagħha. Ix-xhud daħlet fid-dettall ta' x'intqal ma' dawn il-persuni li kollha kellhom problema bil-livell tax-xogħol tar-rikorrenti. Ix-xhud ippreżentat ukoll sensiela ta' posta elettronika fejn ir-rikorrenti qalet li qed tħossha stressjata x-xogħol pero qatt ma semmiet fastidju sesswali. Ix-xhud qalet li meta staqsiet lir-rikorrenti kif jistgħu jgħinuha hija qaltilhom li trid li jneħħulha l-banners minn taħt ir-responsabbilta tagħha u fil-fatt huma taw il-banners lil kollega tagħha u minflok il-banners ma tawiex xogħol ieħor ħalli jagħtuha ċ-ċans tiffoka aktar fuq xogħolha. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti kienet marret tgħidilha li ma kinitx kuntenta li XXX kien il-Maniġer tagħha. Ir-raġuni li kienet tat kienet li hu jagħmlilha ħafna pressjoni u hi kienet tħossha stressjata u talbet li tiċċaqlaq taħt xi ħadd ieħor. Il-kumpannija m'aċċettatx għaliex hija politika tal-kumpannija li meta wieħed ma jkunx qiegħed jagħmel xogħlu sewwa minħabba nuqqas ta' tagħrif fil-qasam ma jmexxuhomx f'dipartiment ieħor. Mistoqsija jekk investigatx għaliex ir-rikorrenti ma kellha l-ebda problema qabel XXX laħaq il-Manager tagħha, x-xhud qalet li tkellmet ma' XXX li kien il-Manager tar-rikorrenti qabel XXX. Qalet li XXX qal li hu jħobb jagħti ċans lil persuna speċjalment minħabba li dan kien l-ewwel xogħol tar-rikorrenti, pero fil-file tar-rikorrenti ma kien hemm l-ebda rapport negattiv fuqha. Ix-xhud ġiet mistoqsija dwar il-proċedura li l-kumpannija taddotta f'każijiet ta' allegazzjoni ta' fastidju sesswali. Ix-xhud qalet li huma għandhom policy miktuba li hija fuq l-intranet tal-kumpannija. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti ingħatat bonus fl-ewwel quarter ta' meta kienet taħdem hemm. Ix-xhud tat spjega dwar il-bonuses differenti li jingħataw lill-impjegati. Spjegat li l-bonus li kienet ingħatat ir-rikorrenti kien grupp bonus. Ix-xhud imbagħad spjegat x'ġara waqt il-laqgħa li kellha mar-rikorrenti dwar l-action plan u qalet li r-rikorrenti ma laqgħetx il-pariri li kienet qed tagħtiha x-xhud. Ix-xhud qalet li l-performance tar-rikorrenti ma marritx 'il quddiem wara li ingħatat l-action plans. Ix-xhud qalet li l-ewwel darba li semgħet b'xi allegazzjoni ta' fastidju sesswali kien meta r-rikorrenti fetħet dan il-każ quddiem it-Tribunal. Ix-xhud ippreżentat żewġ Sexual Harassment Policies, waħda li kienet in vigore meta r-rikorrenti kienet taħdem hemm u oħra li qegħda tintuża issa. Ix-xhud spjegat ukoll li bħala kumpannija ġew

iċċertifikati mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Ugwaljanza u waħda mir-rekwiżiti sabiex tingħata din iċ-ċertifikazzjoni hija li jrid ikollok sexual harassment policy, u l-Kummissjoni teżamina kif din il-politika tiġi implimentata u kif titwassal għand l-impjegati u l-managers. Ix-xhud spjegat li l-impjegati jiġu infurmati dwar il-politika permezz ta' taħriġ li jingħata lill-impjegati. Meta ġiet impjegata r-rikorrenti Annabel l-HR Administrator kienet tgħajjat lill-impjegati biex jiffirmaw il-kuntratt u kienet tispjegalhom dwar il-policies, proċeduri, code of conduct u handbook tal-kumpannija. In kontro eżami x-xhud spjegat li meta ssir action plan il-proċedura tal-kumpannija hija li jkellmu lill-kollegi tal-persuna u mhux lill-persuna nnifisha. Ix-xhud qalet li ma tiftakarx li qalet lir-rikorrenti li ma tarahiex taħdem fit-team ta' XXX. Mistoqsija dwar meta jmexxu lill-impjegati f'team differenti, ix-xhud spjegat li meta l-problema tkun waħda ta' performance, bħal każ tar-rikorrenti, huma ma jmexux lill-impjegati. Jekk ikun hemm tensjoni bejn impjegat u manager huma jipprupaw isolvuhom.

XXX XXX HR Administrator qalet li r-rikorrenti qatt ma semmitielha fastidju sesswali pero kienet issemmi li kien jaqbad magħha in kwantu li kien jgħidilha li mhux tagħmel xogħolha sewwa, li tidħol tard u hekk. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti qatt ma qaltilha li XXX kien idejjaqha b'xi telefonati jew xi sms. In kontro eżami x-xhud ikkonfermat li ma kienet taf xejn fuq fastidju sesswali u li r-rikorrenti kienet tiftaħ qalbha magħha bħala ħabiba u kull ma kienet tgħidilha li XXX kien ja qbad magħha fuq xogħol. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti qatt ma semmitilha xi telefonati jew sms.

XXX XXX , b'affidavit qalet li hi ma kellha ebda esperjenza fil-gaming u li bdiet bħala intern account manager u wara erba' xhur ħadet pożizzjon ita' X campaign coordinator. Qalet li l-manager tagħha kien XXX XXX u li dan dejjem inkoraggiha u taha s-sapport kollu meħtieġ u li kellha relazzjoni tajba miegħu. Qalet li r-rikorrenti kienet marketing coordinator u hi u XXX kienu campaign coordinators. Qalet li kienet tmur tajjeb mar-rikorrenti. Wara li telqet minn mal-kumpannija r-rikorrenti talbitha tiktbilha character reference biex tgħinha ssib xogħol ieħor. Ma qaltiliex li ser tużaha bħala dokument uffiċjali kontra l-kumpannija għaliex li kieku ma kinitx tiktibilha. Ix-xhud qalet li tixtieq tirtira dik ir-referenza għal diversi raġunijiet, fosthom li kienet għada ġdida u ma kinitx taf jekk ir-rikorrenti kintix tajba jew le f'xogħolha. Wara

kienet ħadmet ma' XXX XXX li huwa l-marketing coordinator il-ġdid u setgħet tara d-differenza bejniethom.

XXX XXX permezz ta' affidavit qalet li ħadmet bħala campaign coordinator bejn Marzu 2012 u Awwissu 2013. Hi kienet tirrapporta direttament lil XXX XXX u kienet taħdem ma' XXX u mar-rikorrenti kuljum. Meta bdiet taħdem mal-kumpannija x-xhud qalet li kienet qed tistenna li r-rikorrenti tkun il-persuna li taf l-affarijiet relatati mal-marketing coordination imma hi kienet biss tgħolli spallejha u ma kinitx turi attitudni li trid tmur dik l-'extra mile'. Hi qalet li ma tiftakarx kampanja li ħadet ħsieb ir-rikorrenti u li ħarġet mingħajr problemi u li meta rrealizzat li l-iżbalji kienu xi ħaġa ta' kuljum u mhux koinċidenza hija ddeċidiet flimkien ma' XXX li jibdew one on one training mar-rikorrenti. Qalet li lil XXX tafu kemm personalment kif ukoll fuq livell professjonali u hi qatt ma rat xejn ħażin u taraha diffiċli wkoll li seta' jagħmel xi ħaġa mhux f'lokha anke mhux quddiemha.

Il-kumpannija ppreżentat affidavit ta' XXX XXX li kien impjegat ma' XYZ LTD bejn Ġunju 2013 u Ġunju 2014 bħala Managing Director. XXX XXX kien il-manager ta' XXX XXX u dan kien jirrapporta direttament lilu. Huwa qal li r-rikorrenti kellha xi problemi dwar l-istil ta' management ta' XXX u l-volum u kwalita ta' xogħol li kien jistenna mingħandha. L-osservazzjoni tiegħu dwar ir-rikorrenti kienet li hija ma kelliex il-livell ta' tagħrif dwar sports marketing mistenni mingħand xi ħadd li kien jaħdem full time fuq sports u marketing. Mill-esperjenza tiegħu fl-industrija u fil-management ix-xhud qal li l-workload u l-istandards mistennija mir-rikorrenti kienu standard u fair. Ix-xhud qal ukoll li r-rikorrenti qatt ma qaltlu li kienet qegħda tiġi ffastidjata minn XXX u li l-ewwel darba li sema' din l-allegazzjoni kienet meta fetħet din il-kawża. In kontro eżami XXX XXX qal li ħadem mar-rikorrenti tramite l-manager tagħha XXX. IX-Xhud ikkonferma li r-rikorrenti kienet tkellmet miegħu dwar it-tħassib tagħha dwar l-istil ta' management ta' XXX. Ix-xhud qal li lil XXX qatt m'għamluh fuq action plan għax irriżenja biex imur jaħdem xi mkien ieħor.

**<u>Sinteżi tat-trattazzjoni</u>**

Is-soċjeta intimata qalet li d-deċiżjoni li jiġi tterminat l-impjieg tar-rikorrenti kienet ittieħdet wara li inħarġu żewġ twissijiet datati 19 ta' Frar 2013 u 3 ta' Mejju 2013, u li

kemm it-twissijiet u kif ukoll l-Actions Plans inħarġu bl-involviment sħiħ tal-human resources u dan wara li ġew ikkonsultati diversi kollegi tar-rikorrenti. Is-soċjeta kkontendiet li l-ġustifikazzjonijiet kollha illi ppruvat tagħti r-rikorrenti ġew kontradetti mix-xhieda li taw il-kollegi tagħha stess. Is-soċjeta rrilevat illi l-iżbalji li kienet tagħmel ir-rikorrenti fuq ix-xogħol kellhom konsegwenzi kbar kemm fuq il-finanzi, fuq is-servizz ipprovdut u kif ukoll fuq il-kollegi tagħha li sikwit kien ikollhom jirranġaw xogħolha. Diversi xhieda ikkummentaw fuq in-nuqqas ta' interess li kienet turi r-rikorrenti speċjalment meta kienu jtuha feedback wara li tieħu xi żball. Is-soċjeta irrilevat ukoll li r-rikorrenti kienet tipprova taħrab mir-responsabbilta tagħha billi tipprova titfa' t-tort tal-iżbalji tagħha fuq kollega tagħha, attitudni ta' nuqqas ta' responsabbilta u nuqqas ta' rispett. Dwar il-bonuses, is-soċjeta qalet li filwaqt li r-rikorrenti ppruvat tagħti l-impressjoni li dawn il-bonuses kienu bbażati fuq il-performance personali tagħha, XXX XXX, Human Resources Manager, Xehdet li dawn kienu kollha group bonuses u għaldaqstant ma jirriflettuX il-performance personali tar-rikorrenti. Saret ukoll referenza għall-istili differenti ta' management ta' XXX XXX u XXX XXX hekk kif ħarġet mix-xhieda ta' diversi impjegati u ex impjegati tas-soċjeta. Dwar l-allegazzjoni ta' fastidju sesswali s-soċjeta rrilevat li qatt ma rċeviet l-ebda forma ta' lment nonostante li kellha policy speċifika dwar il-fastidju sesswali li ġie kkomunikat u spjegat lill-impjati kollha inkluż lir-rikorrenti. Apparti li r-rikorrenti ma għamlet l-ebda lment lanqas il-kollegi tagħha ma rrappurtaw li r-rikorrenti kienet qed tesperjenza fastidju sesswali. Is-soċjeta sostniet li ħadd mill-ħbieb jew familjari tar-rikorrenti li telgħu jixhdu ma raw xi kondotta inaċċettabli da parti ta' XXX u m'hemm xejn fil-kontenut tal-messaġġi li bagħat XXX li ma kienx xieraq jew li ġegħlu lir-rikorrenti tħossha skomda. Tant hu hekk li dan huwa kkonfermat mill-messaġġi li r-rikorrenti bagħtitlu lura u kuntrarjament għal dak allegat minnha l-iskambju ta' messaġġi baqa' għaddej sakemm hi spiċċat mill-impjieg. Is-soċjeta qalet li r-rikorrenti naqset milli tirrapporta l-allegat fastidju sesswali lill-pulizija u lanqas ma rnexxielha tipprova li XXX issoġġettaha għal att ta' intimita fiżika jew li talab favuri sesswali minnha jew għal xi att jew kondotta li kellhom konnotazzjonijiet sesswali li ma kinux mixtieqa minnha. Is-soċjeta kompliet tgħid li kien imiss għar-rikorrenti li tipprova li kien hemm fastidju sesswali skont il-prinċipju *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*

Ir-rikorrenti kkontendiet illi hija kienet tiġi kkumplimentata verbalment fuq xogħolha u li rċiviet performance bonuses tul l-impjieg tagħha. Meta nbidel il-manager XXX beda jċemplilha spiss wara l-ħin tax-xogħol u anke s-Sibt u l-Ħadd u jistaqsiha x'qed tagħmel u jistedinha tiltaqa' miegħu. Lejn il-ħabta tal-5 ta' Frar 2013 hija bdiet taqta' l-kuntatt u ma kinitx tirrispondi l-mobile u kien hemm li bdew il-problemi u bdiet tirċievi t-twissijiet. Ir-rikorrenti ssottomettiet illi l-liġi nostrana hija mmudellata fuq dik XXX XXX u li f'dawn it-tip ta' każijiet ma hemm l-ebda lok li jiġi ppruvat xi course of conduct u li inċident wieħed fis-singular huwa biżżejjed. Dan ukoll kien ikkonfermat mill-każ fl-ismijiet Doris Bonello u The General Soft Drinks Company Limited (Każ numru 2571/LC). Ir-rikorrenti ikkwotat ukoll il-każ tal-Employment Appeals Tribunal fl-ismijiet Bracedbridge Engineering Ltd. vs. Darby. Ir-rikorrenti ikkontendiet li hemm eżami soġġettiv li jidħol fil-perċezzjoni tal-vittma u dan hu jekk hi kinitx imdejqa b'dan l-atteġjament u hawn għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet Insitu Cleaning Co LTd vs. Heads mogħtija mill-Employment Appeals Tribunal fl-1 ta' Settembru 1994. Ir-rikorrenti tirreferi għall-attitudni negattiva u arroganti ta' XXX kemm fl-affidavit kif ukoll fix-xhieda tiegħu in kontro eżami. Ir-rikorrenti insistiet li seħħ fastidju sesswali jirriżulta mingħajr ombra ta' dubju mir-rendikont ta' telefonati u messaġġi u għalkemm XXX Xehed li dan kien ikun parti minn xogħolha għaliex kienet tkun on call dan kompletament inveritier. Ir-rikorrenti ikkontendiet ukoll li ammont ta' Xhieda li ppreżentat is-soċjeta huma detto del detto. Saret referenza għaX-Xhieda ta' XXX XXX li qal li '...I didn't find any reason to question ABV work.' Ir-rikorrenti tgħid li għalkemm qatt m'għamlet ilment formali fuq fastidju sesswali kienet ilmentat ma' kollegi tagħha kemm kienet issibha diffiċli taħdem taħt XXX u dan ġie kkonfermat saħansitra minn XXX XXX. Ir-rikorrenti rreferiet għall-policy dwar il-fastidju sesswali tas-soċjeta u għamlet aċċenn għall-fatt illi kienu diversi x-xhieda li tellgħet is-soċjeta li raw lir-rikorrenti ma kinitx qed taħdem sew u kienet imdejqa wara l-introduzzjoni ta' XXX. Nonostante dan is-soċjeta ma għamlet l-ebda investigazzjoni sabiex tara x'kienet il-kawża ta' dan l-atteġjament tar-rikorrenti hekk kif kien id-dover tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Dan it-Tribunal għandu quddiemu żewġ ilmenti mressqa mir-rikorrenti, senjatament fastidju sesswali u tkeċċija inġusta.

**Tkeċċija inġusta**

Dan it-Tribunal jinnota illi mill-provi mressqa kemm mis-soċjeta u kif ukoll mir-rikorrenti t-tkeċċija seħħet wara li nħarġu żewġ twissijiet u action plan kontra r-rikorrenti. L-ewwel twissija inħarġet fid-19 ta' Frar 2013, it-tieni twissija inħarġet it-3 ta' Mejju 2013 u r-rikorrenti tkeċċiet fid-29 ta' Mejju 2013. It-Tribunal sema' kif is-soċjeta waslet għall-evalwazzjoni tal-performance u jikkonkludi li s-sistema li intużat mis-soċjeta kienet waħda li hija komunament użata fil-qasam tar-riżorsi umani u hija dik li tissejjaħ '360 degrees evaluation'. It-teżi tar-rikorrenti hija li hija bdiet tingħata t-twissjiet meta hija rrifjutat l-avvanzi ta' XXX. Hija diffiċli għat-Tribunal li jemmen din it-teżi meta ħadd mix-xhieda ma kellhom xejn pożittiv xi jgħidu dwar ix-xogħol tar-rikorrenti. It-Tribunal jirrimarka wkoll li s-soċjeta tat ċans lir-rikorrenti sabiex ittejjeb xogħolha għaliex ingħatat feedback kemm verbali kif ukoll permezz tal-Action Plans li kienu pjuttost dettaljati b'elenku ta' nuqqasijiet tar-rikorrenti, pero minkejja dan kollu r-rikorrenti baqgħet b'attitudni ta' nuqqas ta' responsabbilta. Fis-sottomissjonijiet tagħha r-rikorrenti rribattiet waħda mix-xhieda li qalet li hija ma kinitx tmur 'the extra mile' billi qalet li impjegat m'għandux ikun mistenni li jmur oltre d-doveri mistennija minnu. Dan it-Tribunal assolutament ma jaqbilx ma' dan l-argument għaliex impjegat fil-pożizzjoni u bis-salarju u perkaċċi li kellha r-rikorrenti għandu jkun responsabbli biżżejjed li jekk ikun hemm xogħol pendenti ma titlaqx mat-tokki tal-ħamsa għaliex ikun sarilha l-ħin u kawża ta' dan jeħlu l-kollegi tagħha l-uffiċċju sas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. Ta' min jgħid ukoll li skont ix-xhieda prodotta mis-soċjeta l-iżbalji li kienet tagħmel ir-rikorrenti kienu ta' natura serja li kellhom konsegwenzi kbar fuq il-finanzi u s-servizzi pprovduti mis-soċjeta. Lanqas ma huwa aċċettabli li impjegat jieħu dan it-tip ta' żbalji b'mod leġġer u b'attitudni li ma jinteressahx. Ix-xhieda prodotti mis-soċjeta saħqu li dan in-nuqqas ta' interess ġie mmanifestat anke waqt sessjonijiet tat-taħriġ li ingħatat ir-rikorrenti sabiex ittejjeb il-livell ta' xogħol tagħha. Dwar il-fatt li r-rikorrenti ma rċiviet l-ebda lment meta kienet taħt ir-responsabbilta ta' XXX it-Tribunal jirrimarka illi fl-affidavit tiegħu dan stess qal li *'....If I would have continued as X Marketing Manager I would for sure have eXpected progress and development from ABV from what she did the first months with me since it was rather basic things she was doing until I left.'* Dan juri fiċ-ċar illi filwaqt li XXX qatt ma ħarġilha twissjiet dan kien qiegħed jagħtiha ċ-ċans tidra x-

xogħol anke minħabba l-fatt li dan kien l-ewwel xogħol tar-rikorrenti fis-settur tal-gaming iżda maż-żmien Xorta kien qiegħed jistenna li ttejjeb il-livell tax-xogħol tagħha.

**Il-Fastidju Sesswali**

Fis-sottomissjonijiet tagħha r-rikorrenti għamlet referenza għad-de ċiżjoni Doris Bonello vs. The General Soft Drinks Company Limited (Deċiżjoni numru 2019) fejn ġie ritenut li atteġjament ta' darba huwa darba sabiex ikun hemm fastidju sesswali. It-teżi tar-rikorrenti hija li mhux talli kien atteġjament ta' darba iżda talli kien atteġjament ripetut min-naħa tas-superjur tar-rikorrenti fejn dan kien jikkuntattjaha f'kull ħin tal-ġurnata inkluż is-Sibt u l-Ħadd. Is-soċjeta rrieteniet li dan l-atteġjament ma kien fih xejn ħażin tenut kont tal-ambitu tax-xogħol li kienet taħdem fih ir-rikorrenti. Huwa minnu li l-ambjent tax-xogħol li fih kienet taħdem fih ir-rikorrenti kien pjuttost wieħed informali fejn l-impjegati kienu jiġu inkoraġġiti jissoċjalizzaw wara l-ħin tax-xogħol anke permezz ta' *Friday beers* li kienu jiġu organizzati fil-bini tas-soċjeta stess.

It-Tribunal jirreferi għall-Artikolu 29 tal-Kap. 452 li jgħid is-segwenti:

*(1) L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista' jagħti fastidju lil impjegat ieħor jew jagħti fastidju lill-prinċipal billi jassoġġetta lil dik il-persuna għal kull att, talba jew kondotta mhux mixtieqa, li jinkludu kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew*
*iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, li rigward dik il-persuna huma bbażati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistgħu raġonevolment jiqiesu bħala offensivi, umilijanti u intimidatorji lejn dik il-persuna.*
*(2) L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista' jagħti fastidju sesswalment lil impjegat ieħor jew lill-prinċipal (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu imsejħa "l-vittma") billi -*
*(a) jassoġġetta l-vittma għal att ta' intimità fiżika; jew*
*(b) jitlob favuri sesswali mill-vittma; jew*
*(ċ) jassoġġetta l-vittma għal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-*

*ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, fejn -*

*(i) l-att, it-talba jew il-kondotta mhumiex mixtieqa mill-vittma u jistgħu raġonevolment jiqiesu bħala offensivi, umilijanti u intimidatorji lejn il-vittma;*

SabieX jiġi ddeterminat jekk jissussistix fastidju sesswali fl-Artikolu 29(1)(c)(i) il-liġi juża żewġ testijiet – dak li l-att, it-talba jew il-kondotta mhumiex mixtieqa mill-vittma u t-test tal-bniedem raġjonevoli. Li l-atteġjament ta' XXX ma kienx mixtieq mill-vittma ħareġ ċar mix-xhieda tagħha, pero t-Tribunal jinnota li fl-ebda ħin hija qatt ma uriet la lill-allegat agressur u lanqas lis-soċjeta intimata illi l-atteġjament ta' XXX ma kienx mixtieq u kien qiegħed idejjaqha, anzi pjuttost bil-kontra għaliex hija kienet tkompli miegħu u saħansitra ċċajtat miegħu u talbitu jixtrilha basket waqt li kien imsiefer. xi ħadd li qed iħossu imbeżżgħa u mhedded ma jibgħatx messaġġi tax-xorta li kienet tibgħat ir-rikorrenti lill-allegat agressur. Mix-xhieda prodotti ħareġ li r-rikorrenti kienet tgħid li l-atteġjament tiegħu kien idejjaqha imma dan dejjem inkwadratu f'dak li għandu x'jaqsam max-xogħol. Għalkemm ir-rikorrenti qalet li hija kienet semmiet il-fastidju sesswali lil xi ħaddiema fid-dipartiment tar-riżorsi umani dan ġie nnegat minn dawn l-istess xhieda. It-Tribunal josserva li kien nuqqas kbir tar-rikorrenti li ma ressqitx dan l-ilment imbagħad tippretendi li tingħata kumpens għal xi ħaġa li s-soċjeta żgur li ma kelliex kontroll fuqha u lanqas ma setgħet tirrimedja waqt li hija kienet fl-impjieg tagħha. Ir-rikorrenti sostniet li kien id-dmir tas-soċjeta li ġialadarba rat li r-rikorrenti kienet imdejqa f'xogħolha li tagħmel investigazzjoni ta' x'kien qed jiġri. It-Tribunal hawnhekk iħoss li din l-investigazzjoni saret meta kienet qed titfassal l-Action Plan meta ġew intervistati diversi kollegi u stakeholders. Apparti minn hekk ir-rikorrenti kienet hija stess li kienet talbet laqgħa mas-superjur ta' XXX, liema laqgħa seħħet u hawnhekk setgħet faċilment irrapportat l-allegat fastidju sesswali.

It-Tribunal jirreferi għall-policy tas-soċjeta dwar il-fastidju sesswali. It-Tribunal talab lis-soċjeta kopja ta' din il-policy li ġiet esebita u talab ukoll informazzjoni dwar kif din il-policy kienet tiġi kkomunikata lill-impjegati. It-Tribunal jinstab sodisfatt bl-ispjega li ingħatat mis-soċjeta u jinstab konvint li s-soċjeta ħolqot ambjent fejn impjegat li jħossu komdu li jirrapporta fastidji u fastidji sesswali.

Għaldaqstant it-Tribunal huwa sodisfatt illi s-soċjeta ma tistax titqiex illi m'għamlitx l-almu tagħha sabiex tieħu dawk il-passi kollha sabiex tissoprimi vittimizzazzjoni, fastidji u fastidji sesswali.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet tiegħu, t-Tribunal jiddeċiedi illi r-rikorrenti ma kinitx imkeċċija b'mod inġust u lanqas ma sofriet fastidju sesswali u għaldaqstant ma jilqax it-talbiet tagħha.

**<u>Drittijiet</u>**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet f'dan il-każ għal €93.17 kull wieħed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviż Legali Numru 48 tal-1986.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**(iffirmata)**

Dr Charmaine Cristiano Grech
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju